MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 79/2012

**Emanuel Ciantar f'ismu proprju u l-kumpanija Maxkim Limited (C19754)**

**-vs-**

**Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat preżentat fit-28 ta' Novembru 2012 mill-attur Emanuel Ciantar f'ismu proprju u f'isem il-kumpanija Maxkim Limited (C19754) li permezz tiegħu ġie premess illi:

Din il-kawża qed issir għal vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem u vjolazzjoni tal-Artikoli 6 u 7 tal-istess Konvenzjoni u biex jiġi dikjarat li l-Artikolu 3(2)(c)(i) tal-

Kap 104 jivvjola l-istess artikoli u konsegwentement għandu jiġi dikjarat illi huwa null u bla effett.

**Fatti tal-każ**

**A. Dwar il-vettura HBD-096**

Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-27 ta' Lulju 2011 ikkundannat lil Maximilian Ciantar għal fuq sewqan bla liċenzja u ġie ritenut konsegwentement bla *insurance*, ta' ħsara involontarja fuq il-persuna ta' żewġt itfal u kkundannat għal sentejn priġunerija u skwalifika tas-sewqan għal żmien għaxar snin u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3(2)(c)(i) tal-Kap 104 ordnat il-konfiska favur il-Gvern tal-karozza Peugeot Partner bin-numru tar-reġistrazzjoni HBD-096. Din il-vettura kienet tappartjeni lil Maxkim Limited u kienet għadha bid-dejn ma' Michael Attard Limited ta' National Road, Blata l-Bajda. Maximilian Ciantar ma kienx impjegat tal-kumpanija. Waqt il-proċeduri quddiem il-Maġistrati fuq talba ta' Maxkim Limited il-vettura ġiet ritornata lill-kumpanija. Il-vettura kienet regolarment inxurjata. Naturalment kumpanija kummerċjali tfal ma jkollhiex u ma jkollhiex membri tal-familja u toqgħod magħhom taħt l-istess saqaf. Maximilian Ciantar ma kienx impjegat mal-kumpanija Maxkim Limited.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza mogħtija fl-24 t'Ottubru 2011 ikkonfermat is-sentenza waqt li bidlitha dwar it-tul tas-sospenzjoni. Dwar il-konfiska tal-vettura qalet dan li ġej: *"Il-konfiska hija riżultat ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 3(2)(c)(i) tal-Kap 104 sakemm ireġġi l-argument li l-persuna (u mhux biss il-vettura) trid tkun inxurjata m'hemmx wisq x'tgħid dwar il-konfiska tal-karozza ħlief li l-ewwel Qorti applikat il-liġi."*

Illi l-kumpanija Maxkim Limited biegħet lura l-vettura lil Michael Attard Limited li sussegwentement biegħetha wkoll pero' l-vettura ġiet konfiskata materjalment mingħand terzi. Michael Attard Limited fetaħ kawża kontra l-esponenti li se tibda tinstema' fit-28 ta' Novembru 2012 (rikors numru 345/12 JAB) fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

**B. Dwar il-vettura KIM-324 Toyota Vitz**

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-6 ta' Jannar 2012 l-Ispettur Robert Vella ħarrek lil Maximilian Ciantar iben Emanuel Ciantar fost oħrajn talli bil-ħsieb biss li jagħmel użu temporanju mill-vettura tal-għamla Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni KIM-324, għamel dan mingħajr ma kellu l-kunsens tas-sid tal-imsemmija vettura bi ksur tal-Artikolu 61(1) tal-Kap 65 tal-liġijiet ta' Malta. Il-Qori sabitu ħati ta' din l-akkuża. Konsegwentement għalkemm mitlub m'ordnatx il-konfiska tal-vettura. Il-prosekuzzjoni appellat u l-appell għadu pendenti. Fil-pendenza tal-appell l-esponenti talab illi jieħu lura l-vettura. Illi skond il-Kodiċi Kriminali appell tal-Avukat Ġenerali ma jissospendix l-eżekuzzjoni tas-sentenza. Illi għar-rigward ta' din l-akkuża illi kien hemm *furto d'uso* la Maximilian Ciantar ma appella u lanqas ċertament ma tista' tappella l-prosekuzzjoni, għax hi stess kienet għamlet l-akkuża. Għalhekk din l-akkuża issa għaddiet in ġudikat. Minkejja li l-esponenti għamel talbiet quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali għar-rilaxx tal-vettura l-Avukat Ġenerali oppona u l-Qorti ċaħdet it-talba. Ma kien hemm l-ebda bażi legali għala l-vettura kella tibqa' taħt l-awtorita' tal-Qorti meta l-liġi kriminali titkellem ċar illi l-appell tal-Avukat Ġenerali ma jissospendix l-esekuzzjoni. Għalhekk l-esponenti peress li din il-vettura hija reġistrata fuq ismu ġiet privat mill-possessjoni tiegħu skond il-liġi.

Illi ż-żewġ vetturi kienu regolarment bir-*road tax*. Dan neċessarjament kien jimplika illi kienu koperti b'polza ta' assigurazzjoni. L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta ma toħroġx *road tax* għas-sena jekk ma jiġix prodott ċertifikat tal-assigurazzjoni.

**L-argumenti**

Illi wara li Malta daħlet fl-Unjoni Ewropeja kellha tbiddel il-liġi, il-Kap 104, u dan fis-sens illi llum hija l-vettura li tkun inxurjata u mhux il-persuna. Il-persuna li toħroġ l-assigurazzjoni tagħmel il-kuntratt u jkollha obbligi kontrattwali, imma għal dak li huwa ta' ordni pubbliku l-kopertura ssir fuq il-vettura. Illi in segwitu ta' dan it-tibdil

il-Qorti tal-Appell Kriminali (preseduta mill-Imħallef Dr. Joseph Galea Debono) fis-sentenza **"Il-Pulizija vs Angelo Scuderi"** tat-3 ta' Novembru 2005 kienet stabbiliet illi skond l-Artikolu 10 (1) illum l-assigurazzjoni tkopri lil terzi minkejja illi tkun tista' tannulla jew tħassar polza ta' assigurazzjoni. Dik l-Onorabbli Qorti kienet waslet għal konklużjoni preċiza li d-diċitura tal-Artikolu 10(1) kif kien emendat jistipula li la jkun hemm polza ta' assigurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni jekk ikun hemm xi responsabbilta' għal dejn ċivili din tiġi risarċita mill-assikurazzjoni u sakemm ma jirrikorrux xi waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi elenkati fis-sub-artikolu (2) u (3), anke meta l-assikuratur ikollu dritt jannulla jew iħassar il-polza għaliex per eżempju d-*driver* ma jkollux liċenzja. Kompliet tgħid l-istess sentenza illi sakemm ma ssirx prova mill-prosekuzzjoni illi jirrikorri dan li jingħad fis-sub-artikolu (2) u (3) tibqa' l-preżunzjoni li hemm il-kopertura tal-polza kontra riskji ta' terzi persuni kif tipprovdi l-liġi. Din is-sentenza ta' Scuderi ġiet segwita mill-istess Qorti tas-7 ta' Mejju 2007 fil-**"Pulizija vs Charles Galea"**.

Illi l-legislazzjoni Ewropeja ġabet illi vettura regolarment liċenzjata għas-sena li tkun kurrenti u tkun fit-triq hija neċessarjament koperta b'polza ta' assikurazzjoni u r-riskji tat-terzi persuni huma koperti. Għalhekk l-Artikolu 3 jikkozza mal-liġi tal-Unjoni Ewropeja u mhux konformi magħha. Tant hu hekk li llum daħal id-dritt tal-azzjoni diretta kontra l-assiguratur u mhux neċessarjament li l-kawża ssir kontra s-sewwieq. Jekk vettura regolarment liċenzjata, u allura assigurata, u tkun misruqa u tikkawża inċident, kemm-il darba jiġi ppruvat illi l-inċident sar b'dik il-vettura assigurata, l-assigurazzjoni trid tkopri r-riskji tat-terzi persuni.

Illi kontra din il-gurisprudenza ngħatat sentenza, fil-4 ta' Frar, 2011, **"il-Pulizija vs Andre' Apap"** fil-Qorti tal-Appell Kriminali (Għawdex) (preseduta mill-Prim' Imhallef Silvio Camilleri) fejn din il-ġurisprudenza ġiet maqluba, għaliex saret id-distinzjoni illi sewqan mingħajr liċenzja għall-aspett kriminali jimporta illi l-assigurazzjoni trid tkun personali filwaqt illi l-Artikolu 10 tal-Kap 104 jirreferi għall-azzjoni ċivili. Bir-rispett kollu, din id-distinzjoni hija

żbaljata għaliex jekk wieħed jara l-liġi mill-ewwel artikolu tagħha, l-iskop tagħha sal-aħħar issib illi din il-liġi tfittex il-ħarsien u l-protezzjoni kontra riskji lil terzi persuni. It-terzi persuni m'humiex l-istat bil-liġijiet penali tiegħu. Altrimenti fl-istess liġi jkollok illi vettura hija assigurata u vettura mhix assigurata skont taħt liema awla tkun qed tiġi diskussa l-kawża. Dan ma jagħmilx sens loġiku u jerġa' jingħad mhux konformi mal-liġijiet Ewropej.

**Il-konfiska – Vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u 39 tal-Kostituzzjoni**

Illi l-konfiska ta' vettura msemmija fl-Artikolu 3 tal-Kap 104 hija ċertament <u>kundanna penali</u>. Ħadd ma jista' jiġi kkundannat jekk mhux regolarment proċessat. Lanqas jista' jkollok proċess bil-karambola. Il-prinċipju ġenerali tal-liġi huwa illi tigi konfiskata l-proprjeta' ta' min ikun għamel ir-reat u mhux ta' terzi anzi t-terzi għandhom dritt illi jitolbu lura dak li huwa tagħhom. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jimponi l-*fair trial* kif tagħmel l-istess Kostituzzjoni fl-Artikolu 39. Fl-Artikolu 39 (6) tal-Kostituzzjoni hemm ukoll illi l-proċeduri jridu jsiru fil-preżenza tal-akkużat. Maxkim Limited jew Emanuel Ciantar bħala direttur qatt ma ġie akkużat. Pero' f'każ tal-kumpanija ġiet ordnat il-konfiska illi hija kundanna penali mingħajr ebda proċess. Għalhekk hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 39 (6) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-vjolazzjoni hija kemm tal-Artikolu 6(1) u kemm tal-Artikolu 6(2) u ċjoe' l-preżunzjoni tal-innoċenza. L-Artikolu 3 tal-Kap 104 fejn tordna l-konfiska ta' proprjeta' ta' terzi li ma jiġux proċessati, għalhekk huwa inkostituzzjonali u jivvjola wkoll il-Konvenzjoni Ewropeja.

**Vjolazzjoni tal-Artikolu 7**

Illi hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 7 dwar l-assigurazzjoni u l-portata tagħha meta wara s-sentenza Andre' Apap li ġiet applikata fil-każ tal-vettura HBD-096. Ir-raġuni tal-estenzjoni tal-interpretazzjoni hija illi ċ-ċertifikat tal-assigurazzjoni joħroġ lill-vettura u dan skont il-liġi Ewropeja. Jekk il-vettura hija assigurata ma tistax iżżid u

tinterpreta illi m'hemmx assigurazzjoni għax il-persuna m'hix assigurata. Kien proprju dan l-iskop tal-bdil fil-leġislazzjoni Ewropeja illi hija konformi mal-pajjiżi kollha. Barra minn hekk l-applikazzjoni tal-liġi penali li tkun inbidlet biż-żmien trid tingħata interpretazzjoni l-aktar benefika għall-imputat. L-emendi illi saru wara d-dħul ta' Malta f'Unjoni Ewropeja fil-Kap 104 neċessarjament jeskludu illi persuna, anke minħabba l-eta' tagħha li ma tkunx personalment imsemmija fil-kuntratt ta' assigurazzjoni pero' xorta waħda l-vettura li tkun qed issuq tkun assigurata. Dan huwa l-ħarsien kontra r-riskji ta' terzi persuni. Għalhekk hemm vjolazzjoni wkoll tal-Artikolu 7 tal-konvenzjoni Ewropeja, minħabba interpretazzjoni estensiva tal-liġi penali.

**Vjolazzjoni tal-Artikolu 6 rigward il-vettura KIM-324**

Illi l-liġi penali trid tiġi nterpretata u applikata. L-Artikolu 416(4) tal-Kap 9 jagħmilha ċara illi l-appell tal-Avukat Ġenerali ma jissospendix l-esekuzzjoni tas-sentenza. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fis-6 ta' Jannar 2012 għamlitha ċara li ma kinitx qed tordna l-konfiska. Il-mistoqsija hija: taħt liema liġi u taħt liema poter il-vettura qed tinżamm taħt l-awtorita' tal-Qorti għal sena sħiħa?

Illi dan huwa ksur tal-liġi u għalhekk anke fil-proċeduri penali pendenti meta l-kwistjoni hija *res judicata* illi Maximilian Ciantar ikkommetta *furto d'uso* ma hemmx lok għaż-żamma tal-vettura mingħajr ebda poter mogħti mil-liġi.

**Vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja**

Illi fiż-żewġ każi l-kumpanija rikorrenti u Emanuel Ciantar personalment jilmentaw minn spussessament kontra l-liġi ta' proprjeta' tagħhom. Fiż-żewġ każi ttieħdet proprjeta', f'waħda b'mod permanenti u fl-ieħor temporanju, b'telf u b'dannu, u dan mhux fil-parametri tal-liġi. It-teħid ma kienx *"lawful".*

Illi għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li fil-konfront tar-rikorrenti hemm il-vjolazzjonijiet lamentati taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem u vjolazzjoni tal-Artikoli 6 u 7 tal-istess Konvenzjoni, u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.
2. Tiddikjara illi l-Artikolu 3(2)(ċ)(i) tal-Kap 104 jivvjola l-istess artikoli u konsegwentement għandu jiġi dikjarat illi huwa null u bla effett.
3. Konsegwentement tordna r-rilaxx tal-vetturi HBD-069 favur il-kumpanija Maxkim Limited u l-vettura KIM-324 lil Emanuel Ciantar personalment.
4. Tagħti kumpens xieraq għall-vjolazzjonijiet imsemmija nklużi dawk tat-telf ta' uzu tal-istess vetturi mir-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Ġenerali ppreżentata fl-10 ta' Diċembru 2012 li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi fil-kawża fl-ismijiet premessi r-rikorrent qiegħed jallega vjolazzjoni ta' diversi Artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll li l-Artikolu 3 (2) (c) (i) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta huwa wkoll leżiv tad-drittijiet fundamentali tiegħu taħt dawn l-istess Artikoli senjatament l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol, u l-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni msemmija.

Illi l-esponent jirrespinġi l-pretensjonijiet tar-rikorrent bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi fl-ewwel lok fir-rigward tal-lanjanzi mressqa mir-rikorrent taħt it-titolu "L-Argumenti" l-esponent jirribatti li huwa ma jaqbel xejn mal-interpretazzjoni li qiegħed jagħti l-istess rikorrent dwar il-pożizzjoni legali tas-sewqan bla polza ta' assigurazzjoni.

Illi jidher ċar li r-rikorrent diġa' qajjem dan l-argument kemm quddiem il-Qorti tal-Maġistrati[1] kif ukoll quddiem il-

[1] 27 ta' Lulju 2011

Qorti tal-Appell Kriminali[2] fil-każ fl-ismijiet ***"Il-Pulizija (Spettur Elton Taliana) vs Maximilian Ciantar"*** u l-Qrati korrettement ikkonkludew fil-fehma umli tal-esponent li s-sub-artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 huwa ċar u inekwivoku fil-portata tiegħu: il-preżunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta min jiġi akkużat b'reat taħt is-sub-artikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4) tal-Kapitolu 104. Dak li għalhekk huwa projbit permezz tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 mhux sewqan ta' vettura li ma tkunx koperta b'polza ta' assikurazzjoni imma sewqan ta' vettura minn persuna kemm-il darba għall-użu minn dik il-persuna ma jkunx hemm fis-seħħ polza ta' assikurazzjoni.

Illi fit-tieni lok, dwar il-vettura HBD 096 l-esponent jirrileva li l-Artikolu 3 (2) (c) (i) tal-kap 104 ġie applikat fir-rigward tagħha wara li rriżulta lill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali li din kienet ir-raba' darba li l-imputat Maximilian Ciantar kien qiegħed jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 3 tal-Kap 104 u li kull darba li kkommetta dawn ir-reati huwa kien qiegħed isuq il-vettura HBD 096 reġistrata fuq missieru.

Illi fir-rigward tal-vettura KIM 324 l-esponent jirrileva li kuntrarjament għal dak li qiegħed jgħid ir-rikorrent, din il-vettura hija parti mill-mertu tal-aggravji tal-appell tal-Avukat Ġenerali u fil-fatt wieħed wieħed mill-argumenti mressqa mill-istess esponent fejn oppona r-rilaxx tal-vettura kien proprju l-fatt li r-rilaxx ta' din il-vettura proprju meta hemm appell pendenti fuqha jmur kontra l-interess tal-ġustizzja.

**Ir-*raison d'etre* tal-Artikolu 3 tal-kap 104**

Illi l-għan wara l-introduzzjoni ta' dan l-Artikolu u l-emendi li sarulu matul is-snin kien li jindirizza b'serjeta' l-irresponsabbilta' ta' numru dejjem jiżdied ta' nies li jsuqu fit-toroq mingħajr ma jkunu koperti minn polza ta' assigurazzjoni. Il-leġislatur kien konxju tal-konsegwenzi negattivi li jirriżultaw meta sewwieq itajjar persuna, jirrendi ruħu responsabbli għad-danni (danni li jistgħu jammontaw

[2] 24 t'Ottubru 2011

għal eluf kbar ta' Ewro) u s-sewwieq ma jkunx f'pożizzjoni finanzjarja li jikkompensa lil din il-persuna li lilha kkawżalha d-danni. Il-leġislatur introduċa wkoll il-possibilta' li f'ċerti każijiet il-vettura tiġi konfiskata.

Illi din il-miżura tal-konfiska tiskatta meta r-reat ta' użu ta' vettura li ma tkunx koperta bil-polza t'assigurazzjoni jkun twettaq diġa' diversi drabi mill-istess sid ta' din il-vettura jew inkella impjegat tiegħu jew membru tal-familja tiegħu jew ta' xi ħadd li jgħix normalment ma' sid il-vettura tal-mutur.

Illi pero' l-liġi ma twaqqafx lil dawk il-persuni li jirnexxielhom jippruvaw il-*buona fede* tagħhom fis-sens li juru b'success li huma ma kinux konsapevoli ta' ebda wieħed mir-reati li a bażi tagħhom tkun ġiet ordnata l-konfiska milli jitolbu r-rilaxx tal-vettura in kwistjoni.

Illi *inoltre* l-leġislatur ikkonċeda wkoll fl-Artikolu 3 (2) (c) (ii) li:

*"meta r-reat, kif imsemmi, jitwettaq minn xi ħaddieħor, il-Qorti għandha, b'żieda mal-pieni indikati f'dan is-sub-paragrafu, twaħħal multa oħra li tkun daqs il-valur tal-vettura bil-mutur."*

Illi ssir riferenza wkoll għall-Artikolu 3 (1B):

*" Tista' tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is-sub-artikolu (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir."*

Illi mis-suespost jirriżulta għalhekk li permezz ta' dawn il-provvedimenti l-leġislatur laħaq bilanċ ġust bejn il-ħtieġa li jindirizza l-irresponsabbilta' ta' sewqan mingħajr kopertura ta' assikurazzjoni u ħtieġa tal-protezzjoni ta' min jirriżulta li jkun in *buona fede.*

Illi għalhekk l-esponent jikkontendi li din l-Onorabbli Qorti għandha teżamina s-sub-inciż 2 (c) (i) fil-kuntest sħiħ tal-Artikolu 3 tal-Kap 104 u mhux b'mod spezzettat u iżolat.

**Ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti**

(i) Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

Illi bir-rispett kollu lejn l-argumenti tar-rikorrenti l-esponent jirribatti li fl-ewwel lok mhu veru xejn li konfiska ta’ vettura hija kundanna penali. Fil-fatt il-konfiska hija biss effett u riżultat tal-piena u għalhekk ma jista’ qatt ireġġi l-argument tar-rikorrenti li huma ġew penalizzati mingħajr ma ġew proċessati quddiem Qorti.

Illi pero’ l-Artikolu 3 (2) (c) (i) b’ebda mod mhu qiegħed iċaħħad lil xi ħadd milli jottjeni b’suċċess ir-rilaxx tal-vettura jekk jirnexxielu jipprova l-*bona fede* tiegħu fil-fattispecie tal-każ u dan kif diġa’ ġie spjegat fis-suespost.

Illi jsegwi għalhekk li la l-liġi nfisha qegħda tikkonċedi l-opportunita’ li fejn il-konfiska ma tkunx mistħoqqa (in vista tal-*buona fede*), din l-istess konfiska tista’ tiġi attakkata, jsegwi għalhekk li l-provvedimenti tal-39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem huma pjenament rispettati u ma għandu jinstab ebda ksur tagħhom.

(ii) Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

Illi l-argumenti tar-rikorrenti taħt dan l-Artikolu diġa’ ġew ribattuti aktar ’il fuq f’din ir-risposta. L-interpretazzjoni li qed jagħtu r-rikorrenti f’dan il-kuntest hija fil-fehma umli tal-esponent totalment żbaljata kif diġa’ pronunzjaw il-Qrati tagħna riċentament u għalhekk għal dawk ir-raġunijiet ma għandu jinstab li hemm ebda ksur ta’ dan l-Artikolu.

(iii) Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward tal-vettura KIM - 324

Illi kuntrarjament għal dak li qed jgħidu r-rikorrenti, l-esponent jirribatti li ma hemm ebda *res judicata* fir-rigward

ta' din il-vettura u hemm appell pendenti fuqha u jsegwi għalhekk li għar-ragunijiet kollha ndikati mill-esponent fir-risposta tiegħu għat-talba għar-rilaxx tal-vettura mir-rikorrent Emanuel Ciantar, din il-vettura ġustament u fl-aħjar interess tal-ġustizzja m'għandhiex tiġi rilaxxjata f'dan l-istadju.

Illi jsegwi għalhekk li ma għandu jinstab li hemm ebda ksur ta' dan l-Artikolu fir-rigward tal-vettura KIM - 324.

<u>(iv) Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem</u>

Illi kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrenti t-teħid taż-żewġ vetturi in kwistjoni saret u huwa ġustifikat skond il-liġi u għalhekk huwa *'lawful'*.

Illi jsegwi għalhekk li ma għandu jinstab li hemm ebda ksur ta' dan l-Artikolu.

Għaldaqstant u fid-dawl tas-suespost din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda;

Rat l-atti tal-kawża u semgħet ix-xhieda;

Rat is-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati u mill-Qorti tal-Appell imsemmija fir-rikors;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Ġunju 2013 li fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Illi kif jidher mill-premess, ir-rikorrenti qed jallega li fil-proċeduri msemmija ġew miksura d-drittjiet fundamentali tiegħu. Dan għaliex skond ir-rikorrenti, finalment li ma kellux assistenza legali waqt lil-proċeduri. Huwa qed jibbaża t-talbiet tiegħu fuq l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u

tal-artikoli 1 tal-Ewwel Protokoll u 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Illi l-partijiet rilevanti għall-każ odjern tal-**artikolu 39** jgħidu illi:

**39**. *(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

*(2) Kull qorti jew awtorita' oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbliġi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem Qorti jew awtorita' oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*

*(3) Ħlief bil-ftehim tal-partijiet kollha, il-proċeduri kollha ta' kull Qorti u l-proċeduri dwar id-deċiżjoni tal-eżistenza jew l-estensjoni tad-drittijiet jew obbliġi ċivili ta' persuna quddiem xi awtorita' ġudikanti oħra, magħdud il-pronunzjament tad-deċiżjoni tal-Qorti jew awtorita' oħra, għandhom jinżammu fil-pubbliku.*

*(4) Ebda ħaġa fis-sub-artikolu (3) ta' dan l-artikolu ma għandha timpedixxi lil xi Qorti jew xi awtorita' bħalma hija msemmija f'dak is-sub-artikolu milli teskludi mill-proċeduri persuni li ma jkunux il-partijiet tal-proċeduri u r-rappreżentanti legali tagħhom –*

*(a) fi proċeduri quddiem Qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja u proċeduri oħra li, fil-prattika tal-Qrati f'Malta jiġu, jew huma tal-istess xorta bħal dawk li jiġu, deċiżi in camera;*

*(b) fi proċeduri skont xi liġi dwar it-taxxa fuq l-income; jew*

*(ċ) sa fejn il-Qorti jew awtorita' oħra –*

*(i) tista' tqis meħtieġ jew espedjenti f'ċirkostanzi li fihom il-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja; jew*

*(ii) jista' jkollha setgħa jew tkun meħtieġa b'liġi li tagħmel hekk fl-interess tad-difiża, sigurta' pubblika, ordni pubbliku, moralita' jew deċenza pubblika, il-ġid ta' persuni taħt l-eta' ta' tmintax-il sena jew il-protezzjoni tal-ħajja privata ta' persuni li jkollhom x'jaqsmu mal-proċeduri.*

*(5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati: Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-sub-artikolu sa fejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari.*

*(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –*

*(a) għandu jiġi nformat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhem u bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat;*

*(b) għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*

*(ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista'jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi;*

*(d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull Qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-Qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni; ….*

*(7) Meta xi ħadd jgħaddi proċeduri dwar reat kriminali, ilpersuna akkużata jew xi persuna awtorizzata minnha*

*għalhekk għandha, jekk hekk teħtieġ u bi ħlas ta' dak id-dritt raġonevoli li jista' jkun preskritt b'liġi, tiġi mogħtija fi żmien raġonevoli wara s-sentenza kopja għall-użu tal-persuna akkużata ta' kull inkartament tal-proċeduri magħmula minn jew għan-nom tal-qorti*.

*(8) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi mposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi mposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta jkun ġie magħmul.*

(*9) Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi Qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' Qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:*
*Iżda ebda ħaġa f'xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu minħabba biss li tawtorizza xi Qorti li tagħmel proċeduri kontra membru ta' korp dixxiplinat għal reat kriminali nonostanti kull proċeduri u dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni ta' dak il-membru skont illiġi dixxiplinarja ta' dak il-korp, imma hekk illi kull Qorti li tkun hekk tiġġudika dak il-membru u li hekk issibu ħati għandha meta tikkundannah għal xi piena tieħu kont ta'kull piena mogħtija lilu skond dik il-liġi dixxiplinarja."*

**L-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll** jgħid illi**:**

*"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-*

*interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.*

**L-artikolu 6** imsemmi jgħidu hekk:

*(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbliġi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-Qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita' tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

*(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*

*(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*

*(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettall, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*

*(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*

*(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux meżżi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din*

*għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal- ġustizzja jeħtieġu hekk;*

**L-artikolu 7 w**koll imsemmi fir-rikors promotorju jgħid hekk:

*"Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar.*

*(2) Dan l-Artikolu ma għandux jippreġudika l-proċeduri u lapplikazzjoni tal-piena ta' xi persuna għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta jkun sar, kien kriminali skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizżati."*

**L-artikolu 3 (2) (ċ) (i) tal-Kap. 104** jgħid illi:

*"Kull min jikser id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jeħel meta jinstab ħati;*

***(ċ)*** *fil-każ tat-tielet reat jew iktar, multa ta' mhux anqas minn ħamest elef, tmien mija u tlieta u għoxrin Euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€5,823.43) iżda ta' mhux iżjed minn sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena, jew il-multa u l-priġunerija flimkien, u*

***(i)*** *meta r-reat ikun jikkonsisti fl-użu ta' vettura bil-mutur fi triq minn min ikun sid il-vettura bil-mutur jew minn impjegat ta', jew minn membru tal-familja ta' u li jkun jgħix ma' sid il-vettura bil-mutur, u ma jkunx hemm fis-seħħ polza tal-assigurazzjoni dwar din il-vettura skond ma għandha tkun taqbel mal-ħtiġijiet ta' din l-Ordinanza, il-Qorti għandha, b'żieda mal-pieni indikati f'dan is-sub-paragrafu, tordna l-konfiska tal-vettura bil-mutur;"*

Illi l-Qorti kif ġja' qalet f'kawżi oħra għandha tgħid illi l-fatt li r-rikorrenti iħossu aggravat minn sentenza tal-Qorti

b'daqshekk ma jfissirx li kisru xi drittijiet fundamentali tiegħu.

*"Il-funzjoni tal-Qorti fil-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha mhijiex li tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati oħra biex tgħid jekk dawn ġewx deċiżi 'sewwa' jew le, iżda hija limitata għall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropeja.* (**"JEM Investments Limited vs Avukat Ġenerali et"** – Qorti Kostituzzjonali, deċiża fid-9 ta' Novembru 2010).

Illi dan japplika għal ċerti konklużjonijiet, speċjalment tal-Qorti tal-Appell Kriminali illi għalihom jagħmel referenza ir-rikorrenti.

Illi diversi sentenzi tal-Qrati tagħna jiċċitaw ukoll lill-awturi Jacobs and White (The European Convention on Human Rights, paġna 140) li qalu illi:

*"Every month the Court of Human Rights receives many hundreds of letters complaining about the decisions reached by national courts in civil and criminal trials. These applications are, however, based on a fundamental misconception of the Convention system. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgment, as the case may be.*

*The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the*

*doċtrine in mind when considering whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6."*

Illi wara dawn l-enunzjamenti ġenerali jkun tajjeb li l-Qorti tara l-lanjanzi rigwardanti l-artikoli ċitati mir-rikorrenti wieħed wara l-ieħor.

Illi **dwar l-artikolu 1** ġja' msemmi l-awtriċi **Monica Carss Frissk** fil-manwal tagħha **Guide to the ECHR**, tiċċita l-Qorti Ewropeja fil-kawża **"Sporroth u Lonrotth vs Sweden (1982**)" illi qalet li:

*"That Article [Article 1 of Protocol No. 1] comprises three distinct rules. The first rule, which is of a general nature, enounces the principle of peaceful enjoyment of property; it is set out in the first sentence of the first paragraph. The second rule covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; it appears in the second sentence of the same paragraph. The third rule recognises that the States are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest, by enforcing such laws as they deem necessary for the purpose; it is contained in the second paragraph. (para. 61)."*

Illi naturalment dan il-każ kien jirrigwardja t-teħid forzat tal-proprjeta' għal skopijiet pubbliċi u għalhekk ir-rilevanza għal każ odjern hija relattiva, iżda l-prinċipju li hemm limitazzjoni għad-dritt sanċit hija aċċettata u applikabbli dejjem. Huwa ċertament aċċettabbli wkoll li l-leġislatur jista' jagħti setgħa lill-Qorti Kriminali biex tikkonfiska proprjeta' li jkun qed jagħmel użu minnha l-akkużat biex jikkommetti r-reat in kwistjoni u allura ma hemmx dubju li fih innifsu ma hemm xejn f'dan il-fatt biss li jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem; il-Qorti trid tara biss jekk f'dan il-każ, kienx hemm xi infrazzjoni fiċ-ċirkostanzi tal-istess każ.

Illi dwar dan l-artikolu l-unika lanjanza tar-rikorrenti hija li t-teħid tal-vetturi ma kien wieħed legali (**lawful**).

Illi fir-rigward tal-vettura bin-numru HBD-096, il-konfiska ġiet ordnata mill-Qorti permezz ta’ sentenza finali u allura ma hemmx kwistjoni li t-teħid ma sarx skond il-liġi; ir-rikorrenti jistgħu ma’ jaqblux mad-deċiżjoni iżda dan ma jfissirx li ma kienitx skond il-liġi u żgur ma kisret ebda dritt fundamentali tagħhom. Importanti wieħed jinnota illi l-indirizz tas-soċjeta’ rikorrenti kif indikat mill-*log book* tal-vettura esebit minnha stess jindika bħala indirizz tagħha bħala 43, Triq is-Sebħ, il-Marsa; l-istess indirizz kemm tar-rikorrenti Emanuel Ciantar kif ukoll tal-akkużat. Allura ladarba l-akkużat joqgħod fl-istess indirizz, dan ifisser li l-Qorti setgħet skond l-artikolu 3 tal-Kap. 104 fuq imsemmi, tordna l-konfiska tal-vettura għaliex ir-reat ġie kommess min xi ħadd li joqgħod mas-sid.

Illi fir-rigward tal-vettura KIM-324 din ma ġietx konfiskata permezz tas-sentenza iżda l-Avukat Ġenerali oppona għar-ripresa tagħha fil-mori tal-appell. Ladarba għad hemm appell l-Qorti jidhrilha illi kull pronunzjament anke f’dan is-sede ikun prematur u t-talbiet tar-rikorrenti f’dan l-istadju huma intempestivi. Madankollu fl-istess waqt il-Qorti ma tara li jkun hemm ebda ħsara għall-proċeduri jekk għallinqas sakemm tiġi deċiża l-kawża l-vettura tiġi rilaxxata, peress li l-Qorti tal-Maġistrati ddeċidiet illi ma tordnax il-konfiska. Anzi jkollu raġun hawnhekk ir-rikorrenti jilmenta li it-teħid tal-vettura f’dak l-istadju qed iċaħħdu mill-proprjeta’ tiegħu mingħajr raġuni legali.

Illi stabbilit dan il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tindaga u ulterjorment; dan għaliex fir-rigward tal-vettura HBD-096 kif ġja’ ssemma, ma jista’ jirriżulta ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ladarba l-liġi ġiet applikata kif suppost. Il-Qorti se tikkummenta biss fuq it-talba biex tiddikjara l-artikolu 3 imsemmi li jikser dawn id-drittijiet; illi huwa ċar għall-Qorti illi l-artikolu msemmi huwa intiż anzi biex jipproteġi ċ-ċittadin innoċenti minn abbuz ta’ persuni li jiksru l-liġi meta jsuqu vetturi mhux liċenzjati jew mhux koperti mill-assikurazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti l-leġislatur ħoloq il-bilanċ neċessarju f’dan ir-rigward billi nkluda persuni li minħabba l-affinita’ tagħhom ma min ikun ħati tar-reat ikun presunt illi kienu jafu bl-abbuż; anzi wieħed

għandu jgħid illi mn’alla teżisti din it-tip ta’ deterrent biex l-abbuż ma jkunx akbar.

Illi kwantu għat-talba għad-danni, dawn għandhom jintalbu mir-rikorrenti (fir-rigward tal-vettura KIM-324) mingħand min saqha kontra l-liġi u mhux mingħand l-intimat. Kienet din il-persuna fuq kollox illi wasslet għall-dawn il-proċeduri kollha.

**DEĊIŻJONI**
**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ l-eċċezzonijiet tal-intimat u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti ħlief it-talba għar-ripresa tal-vettura KIM-324 da parti ta’ Emanuel Ciantar personalment illi l-Qorti qed tilqa’ b’effett immedjat *‘rebus sic standibus’* u salv il-ġudizzju finali tal-Qorti tal-Appelli Kriminali.**

**L-ispejjeż għandhom jiġu sopportati kwantu għal $^{7}/_{8}$ mir-rikorrenti u $^{1}/_{8}$ mill-intimat.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------